**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 41 - IT-TLIETA 23 TA' SETTEMBRU 2008**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fid-8:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi-Sindku |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Salvu Sciberras | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Ġew imressqa l-minuti tat-tliet laqgħat preċedenti, bin-numru 38, 39 u 40.

1.2. Il-minuti nru 38 ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.3. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Noel Gatt, is-SE informa li ma kienx għad għandu risposta definittiva dwar ix-xibka għall-grawnd.

1.4. Il-minuti nru 39 ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.5. Meta għaddew għall-approvazzjoni l-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 40, fuq proposta tal-Kunsillier Sciberras kien hemm qbil li mill-aħħar sentenza tal-paragrafu 1.2 jinqatgħu il-kliem 'kompla jattendi għal' u minflok tiddaħħal il-kelma 'attenda'. Mill-istess sentenza jinqatgħu ukoll il-kliem 'laqgħat oħra relatati' u minflok jiddaħħlu l-kliem '*lectures* dwar is-suġġett'.

1.6. Dwar para. 1.4 il-Kunsill laqa' proposta tal-Kunsillier Sciberras biex l-ewwel sentenza tinbidel u tiġi taqra 'Irid ikun hemm aġenzija ffurmata b'rappreżentanza ta' 49% mill-Kunsilli Lokali u 51% mis-settur privat.

1.7. Il-minuti nru 40 imbagħad kienu approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 2. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

2.1. Is-Sindku infurmat li s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dott. Chris Said bagħat jirringrazzja lill-Kunsill talli għoġbu jiltaqa' miegħu.

2.2. Is-SE informa li l-Ħadd 28 ta' Settembru kienet se ssir l-attività tal-inawgurazzjoni ta' Ġnien Toni Vella u tal-*mini-pitch* kif ukoll l-għoti ta' Ġieħ in-Naxxar. Is-SE informa li għalkemm twaħħlet plakka uffiċjali fil-*mini-pitch*, wara konsultazzjoni

mal-Uffiċċju tal-President kien hemm qbil li għandha tinkixef plakka waħda biss, eżattament dik li se titpoġġa fil-ġnien.

2.3. Is-SE qara l-kitba proposta għall-plakka li kienet approvata. Huwa informa wkoll li kellu diffikultà biex jikseb il-kwotazzjonijiet u għalhekk spiċċa kellu jordna x-xogħol mingħand Hal Mann għall-prezz ta' €1,400 inkluż it-twaħħil fil-post.

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR

3.1. Is-SE informa li kien ġie ordnat *air-conditioner* ġdid għall-uffiċċju tiegħu wara li l-qadim irriżulta li kellu ħsara irreparabbli filwaqt li kien impossibli għalih li jkompli jaqdi dmiru fix-xhur sħan tas-sajf minħabba li l-uffiċċju tiegħu huwa espost għal sħanat kbar. Il-Kunsill approva.

3.2. Is-SE informa li kien irriżulta li kien hemm problema kbira fil-*floodlights* tal-grawnd. Fil-fatt huwa fakkar li kemm-il darba inġibdet l-attenzjoni dwar periklu mis-sistema kif kienet qabel u għalhekk ta l-ordni biex issir sistema ġdida. Il-Kunsill approva.

3.3. Il-Viċi-Sindku infurmat li parti minn Triq il-Fortizza tal-Mosta kienet reġgħet inqalgħet avolja kien sar xogħol ta' traqqigħ riċentament. Hija staqsiet jekk kienx sar il-ħlas għal dan ix-xogħol. Is-SE informa li x-xogħol kien ġie ċċertifikat mill-Perit u li meta sar il-ħlas ix-xogħol kollu kien għadu tajjeb. Huwa informa lill-Kunsill iżda li dan ix-xogħol kien taħt garanzija u għaldaqstant kien se jerġa' jsir mill-ġdid a spejjeż tal-kuntrattur.

3.4. Il-lista tal-ħlasijiet, annessa f'A , ġiet approvata.

## 4. AĠĠORNAMENT DWAR IX-XOGĦLIJIET TAL-KUNSILL

4.1. Is-SE informa li kien sar traqqigħ maġġuri fi Triq V. Boron u bħalissa kien għaddej ukoll xogħol ta' kisi mill-ġdid fi Triq l-Alfier. Ix-xogħol tal-aħħar kien jinkludi wkoll rikostruzzjoni tal-bankini li minkejja d-diffikultajiet li kien hemm, minħabba livelli differenti, l-kuntrattur irnexxielu jagħmel biċċa xogħol tajba ħafna.

4.2. Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni tas-SE sabiex ifakkar lill-kuntrattur tal-bankini dwar ir-rikostruzzjoni tal-bankina fi Triq Ħal Dgħejf. Is-SE informa li l-kuntrattur kellu jibda x-xogħol fil-ġranet li ġejjin hekk kif ilesti proġett li għandu f'idu bħalissa.

## 5. AĠĠORNAMENT DWAR L-APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-FONDI MILL-UE

5.1. Is-SE informa li fil-preżent kienu qed jiġu proċessati u aġġudikati l-applikazzjonijiet għall-fondi mill-UE. Huwa informa wkoll li kienu talbu għal kjarifika fuq it-tliet applikazzjonijiet u l-Kunsill kien bagħat risposti li jirrigwardjaw lilu filwaqt li l-oħrajn intbagħatu minn min qed jidher bħala applikant iżda b'konsultazzjoni mal-Kunsill.

## 6. AĠĠORNAMENT DWAR L-IMPJIEG TA' SKRIVAN/A

6.1. Is-SE informa li, wara li saru l-intervisti, kienet intagħżlet applikanta biex tagħmel eżami prattiku u li wara kien hemm qbil li għandha tiġi ingaġġata. Isimha huwa Rita E.Borg. Il-Kunsill approva.

6.2. Is-SE informa li, għalkemm il-Kunsill oriġinarjament kien approva li jingaġġa Uffiċċjal Eżekuttiv (skala 13) u Skrivan (skala 15), wara li mil-lista tal-Uffiċċjali Eżekuttivi ma kien instab ħadd adekwat, kien jidher li l-lista tal-iskrivani tal-ETC, li kienet ferm akbar minn ta' qabilha, kien fiha aktar 'materjal' minn fejn wieħed jista' jimpjega. Kien sar qbil għalhekk mill-bord tal-għażla li, minflok Uffiċċjal Eżekuttiv, ikun impjegat ieħor/oħra bħala skrivan/a. Għalhekk, wara sessjoni ta' intervisti, kienu diġà identifikaw persuna b'potenzja u għalhekk, jekk il-Kunsill japprova, jibgħatu għalih biex isirlu eżami prattiku kif sar fil-każ tas-Sinj. Borg. Il-persuna

huwa Benjamin Bugeja minn San Ġwann. Il-Kunsill qabel li, wara li jsirlu l-eżami prattiku, jekk jinstab tajjeb, għandu jiġi ingaġġat ukoll.

**7. PROPOSTA GĦAL BINS FIL-PJAZZA**

7.1. Il-Viċi-Sindku infurmat li kienet innutat li l-bins kollha tal-pjazza kienu fi stat ikrah u ta' telqa u għaldaqstant issuġġeriet li dawn jinbidlu. Hija fakkret li, xi snin ilu, kienet ittieħdet inizjattiva ġenerali mill-Gvern Ċentrali iżda jidher li r-rispons ma kienx tajjeb. Hija għalhekk ipproponiet li l-Kunsill għandu jagħmel bins ġodda. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment filwaqt li qabel ukoll li l-bins li saru fil-bandli huma ideali ħafna għalkemm possibilment għandhom ikunu b'kontenitur fejn wieħed jista' jiddisponi mis-sigaretti.

7.2. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras dwar infurzar mill-*green wardens*, is-SE informa li kien se jistaqsi lill-Uffiċjal Awtorizzat għal aktar informazzjoni.

**8. BYE LAW DWAR L-UŻU TAL-MINI PITCH U L-ĠNIEN TONI VELLA**

8.1. Fuq direzzjoni tas-SE, il-Kunsill approva li tinbeda l-proċedura sabiex tiġi fformulata *bye law* li tawtorizza lill-Kunsill sabiex jiġġenera flus mill-kirjiet tal-*mini pitch* u li titpoġġa tabella bid-dettalji tal-ħlasijiet flimkien ma' regolamenti għall-użu tal-faċilitajiet.

**9. ID-DEVOLUZZJONI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU**

9.1 Is-SE informa lill-Kunsill li wara li snin ilu kien applika għad-devoluzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku, u wara li intbagħatu għexieren ta' *reminders* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali lid-Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern, kien f'waqtu li l-Kunsill jirrikonsidra jekk għadux interessat fid-devoluzzjoni jew le. Infatti huwa dehrlu li f'dan l-istadju kien hemm aktar żvantaġġi milli vantaġġi jekk il-Kunsill jieħu d-devoluzzjoni.

9.2 Il-Kunsill għalhekk qabel unanimament li għandu jirrinunzja għad-devoluzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku.

**10. AĠĠORNAMENT**

10.1. Is-SE informa li kienet għalqet id-data għat-tfigħ tal-offerti tal-knis. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-kuntratturi li tefgħu l-offerta.

10.2. Il-Viċi-Sindku infurmat li kien hemm għalqa, garaxx kbir kif ukoll forn antik fi Triq l-Ifran li sidhom kien miet u għaldaqstant kienu għal bejgħ. Hija qalet li kien ikun xieraq kieku l-forn jiġi priservat għaliex għad fih l-għodda oriġinali. Għaldaqstant ħasset li l-Kunsill għandu jżomm għajnejh fuqu.

10.3. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fl-10:15pm.

10.4. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 7 ta' Ottubru 2008.

| | |
|---|---|
| *(iffirmati)* | *(iffirmati)* |
| **Maria F. Deguara**, *MD, MMCFD* | **Paul Gatt,** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Lista ta' ħlasijiet approvati mill-Kunsill

| Account code | Account Name | Nom code | Description | Amount € | Total Amount € | Chq. No. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3D | 3D DOOR TO DOOR DISTRIBUT | 2640 | Distribution of Council flyer | 177.00 | **177.00** | 11574 |
| ADI | ADI Associates | 3130 | Review planning application July 2008 | 95.67 | | |
| ADI | ADI Associates | 3130 | Review planning application Aug 2008 | 119.59 | | |
| ADI | ADI Associates | 3130 | Review Planning Application April 2008 | 95.67 | | |
| ADI | ADI Associates | 3130 | Review Planning Application May | 119.59 | | |
| ADI | ADI Associates | 3130 | Planning Application February 2008 | 95.67 | **526.19** | 11575 |
| ADT | ADT | 2240 | Parking Dials | 74.00 | **74.00** | 11576 |
| ANTFEN | Antoine Fenech | 3340 | Flower Arrangement | 43.00 | **43.00** | 11577 |
| ARCHWA | ARCHWAY IRONMONGERY | 2370 | Ramel/brushes/ties/etc | 331.44 | | |
| ARCHWA | ARCHWAY IRONMONGERY | 2370 | Bolts/nuts/ties etc | 129.87 | **461.31** | 11579 |
| ATP | Assocjazzjoni Trasport Publiku | 3070 | Circular Bus Service -1/2/08 to 28/3/08 & Museum Trips | 2,177.46 | **2,177.46** | 11580 |
| B.GRIMA | B. Grima & Sons Building | 2315 | bus terminus | 73.63 | | |
| B.GRIMA | B. Grima & Sons Building | 2313 | Various signs | 360.11 | **433.74** | 11581 |
| BADBOY | BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 3055 | Cleaning Common area Wk32-Wk35 | 272.77 | | |
| BADBOY | BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 3055 | Common Area Wk 28-Wk31 | 272.77 | | |
| BADBOY | BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 3055 | Office Cleaning Wk 32-35 | 354.38 | | |
| BADBOY | BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 3055 | Cleaning office wk 24-27 | 354.38 | | |
| BADBOY | BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 3055 | Cleaning common area wk 24-27 | 272.77 | | |
| BADBOY | BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 3055 | Office Wk 28-Wk31 | 354.38 | **1,881.45** | 11582 |
| BITMAC | BITMAC LTD | 2311 | Bags instant road repair | 38.47 | | |
| BITMAC | BITMAC LTD | 2311 | Tons coated stone April | 2,613.25 | **2,651.72** | 11583 |
| BLOKRETE | Blokrete | 2314 | Concrete Kerbs | 410.50 | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| BLOKRETE | Blokrete | 2314 | Concrete Kerbs | 25.66 | **436.16** | 11584 |
| C.V.WOOD | C.V. Woodworks | 7503 | Benches Shelter | 1,153.04 | **1,153.04** | 11620 |
| CENTRA | CENTRAL ASPHALT LTD | 7501 | Resurfacing works at triq il-langas | 6,539.35 | **6,539.35** | 11585 |
| COREX | Corex International | 2620 | Toner for Printer | 47.06 | **47.06** | 11586 |
| CSD | CSD Office Trade | 2620 | Fax Toner/puncher | 51.92 | | |
| CSD | CSD Office Trade | 2620 | A4 Carton file | 82.60 | | |
| CSD | CSD Office Trade | 2620 | A4 paper | 164.96 | | |
| CSD | CSD Office Trade | 2620 | HP 51645/HP6578 | 101.43 | | |
| CSD | CSD Office Trade | 2620 | White board marker | 12.60 | | |
| CSD | CSD Office Trade | 2620 | Fullscaps/files/puncher/highlighters | 72.66 | **486.17** | 11587 |
| ECOPURE | ECO PURE | 3340 | 6 water | 25.16 | **25.16** | 11588 |
| ECS | E. CALLEJA & SONS LTD | 3065 | opal globe 30cm | 30.30 | **30.30** | 11589 |
| ELC | Environmental Landscapes Consortium Ltd | 3061 | Contract Management fee Aug'08 cleanting & maintenance | 3,365.46 | | |
| ELC | Environmental Landscapes Consortium Ltd | 3061 | Contract Management fee July 2008 | 3,365.46 | | |
| ELC | Environmental Landscapes Consortium Ltd | 3061 | Mar 08 Cleaning & maintenance | 3,372.44 | | |
| ELC | Environmental Landscapes Consortium Ltd | 3061 | Invoice replaced by 3257 | -3,373.89 | **6,729.47** | 11590 |
| FLOWER | Flower Power | 2370 | Pots - Gnien Toni Vella | 163.61 | **163.61** | 11591 |
| GALEA | Galea Curmi Engineering Consultants | 3065 | Street Lighting Contract mgmt fee June 08 | 272.54 | | |
| GALEA | Galea Curmi Engineering Consultants | 3065 | Street Lighting Contract mgmt fee July 08 | 272.54 | | |
| GALEA | Galea Curmi Engineering Consultants | 3065 | Street lighting contract mgmt fee Aug 08 | 272.54 | **817.62** | 11626 |
| GENERAL | General Gas Ltd | 2330 | Repair of A/C | 35.00 | | |
| GENERAL | General Gas Ltd | 7310 | A/C (WSG24LH) - ES Office | 860.00 | | |
| GENERAL | General Gas Ltd | 2330 | Repair of A/C | 22.00 | **917.00** | 11592 |
| GMTD | GMTD Law Firm | 3140 | Legal Services - Retainer May 2008 | 109.98 | | |

A

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| GMTD | GMTD Law Firm | 3140 | Legal Services July | 109.98 | | |
| GMTD | GMTD Law Firm | 3140 | legal service aug 08 | 109.98 | **329.94** | 11593 |
| GRACECAM | Grace Camilleri | 2995 | Library Service for July 08 | 170.94 | | |
| GRACECAM | Grace Camilleri | 2995 | Librarian Service for August | 192.31 | | |
| GRACECAM | Grace Camilleri | 2995 | Librarian Service for May | 138.89 | | |
| GRACECAM | Grace Camilleri | 2995 | Library Service for April | 138.89 | **641.03** | 11594 |
| GWARDEN | GUARD & WARDEN SERVICE HOUSE LTD | 3195 | Traffic Mgmt - Lejla Muziko Letterarja | 59.40 | **59.40** | 11595 |
| IMPRESS | IMPRESSIONS | 2610 | Printing of Posters (Walks) | 31.50 | **31.50** | 11596 |
| INTEGRAT | Integrated Electronics Ltd | 2620 | Toner 8070P | 76.96 | **76.96** | 11597 |
| JOSVINC | Jos. Vincenti & Co. (1911) Ltd. | 7310 | Infocus Projector IN2104 | 815.27 | **815.27** | 11598 |
| LABUONA | La Buona Dolceria | 3360 | Refreshments 02/11/07 | 165.65 | **165.65** | 11599 |
| MALLIA.M | Mario Mallia | 2312 | Traffic Road Paint | 634.23 | | |
| MALLIA.M | Mario Mallia | 2312 | Traffic Road Paint | 577.60 | | |
| MALLIA.M | Mario Mallia | 2312 | Thinner | 110.68 | | |
| MALLIA.M | Mario Mallia | 2312 | Traffic Road Paint | 692.96 | **2,015.47** | 11601 |
| MALTACOM | GO plc | 2160 | 21417224 - April 2008 | 301.55 | | |
| MALTACOM | GO plc | 2160 | 21416341/21423327 - June 08 | 152.27 | | |
| MALTACOM | GO plc | 2160 | 21416341/21423327 April 2008 | 202.57 | | |
| MALTACOM | GO plc | 2160 | 21417224 June 08 | 423.13 | | |
| MALTACOM | GO plc | 2160 | 21416341/21423327 - July 08 | 214.25 | | |
| MALTACOM | GO plc | 2160 | 21417224 - July 08 | 431.48 | | |
| MALTACOM | GO plc | 2160 | 21417224 - Aug 08 | 316.79 | | |
| MALTACOM | GO plc | 2160 | 21416341/21423327 - Aug 08 | 167.29 | **2,209.33** | 11627 |
| MELITA | Melita Cable | 2160 | Hello Service June | 15.30 | | |
| MELITA | Melita Cable | 2160 | Reception service | 31.04 | | |
| MELITA | Melita Cable | 2160 | Hello Service July-Aug | 22.22 | | |
| MELITA | Melita Cable | 2160 | Hello Service July | 37.82 | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| MELITA | Melita Cable | 2160 | Hello Service May | 36.91 | **143.29** | 11624 |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 3051 | Street Sweeping and Cleaning July 08 | 388.23 | | |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 3051 | Street Sweeping and Cleaning June 08 | 388.23 | | |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 3051 | Street Sweeping and Cleaning August 2008 | 388.23 | | |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 3052 | Non Urban Cleaning August 08 | 1,603.39 | | |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 3052 | Non Urban Cleaning July 08 | 1,603.39 | | |
| MIFSUD | MR CHARLIE MIFSUD | 3052 | Non Urban Cleaning June 08 | 1,603.39 | **5,974.86** | 11602 |
| MITTS | MALTA INFOR TECH TRAINING | 3110 | Support Service | 168.86 | | |
| MITTS | MALTA INFOR TECH TRAINING | 3110 | Support Service | 75.05 | | |
| MITTS | MALTA INFOR TECH TRAINING | 3110 | Support Service | 93.81 | | |
| MITTS | MALTA INFOR TECH TRAINING | 3110 | Support Service | 75.05 | | |
| MITTS | MALTA INFOR TECH TRAINING | 3110 | Support Service | 37.52 | **450.29** | 11603 |
| MSD-LIFT | MSD (Lift) | 2340 | Repairs/Maintenance | 370.41 | **370.41** | 11604 |
| NORTHERN | NORTHERN CLEANING CO-OP LTD | 3045 | Seperated Waste May | 1,413.60 | | |
| NORTHERN | NORTHERN CLEANING CO-OP LTD | 3041 | Refuse collection Aug | 6,786.33 | | |
| NORTHERN | NORTHERN CLEANING CO-OP LTD | 3041 | Refuse Collection May | 6,786.33 | | |
| NORTHERN | NORTHERN CLEANING CO-OP LTD | 3041 | Refuse Collection July '08 | 6,786.33 | **21,772.59** | 11622 |
| PARAMOUN | Leo's Paramount | 3380 | Community Service 16-31 Aug | 74.52 | | |
| PARAMOUN | Leo's Paramount | 3380 | Community service from 1-15Aug | 74.53 | | |
| PARAMOUN | Leo's Paramount | 3380 | Day Centre for July | 149.04 | | |
| PARAMOUN | Leo's Paramount | 3380 | Transport from 16 May - 31 May | 216.85 | **514.94** | 11621 |
| PORTWEIG | Portelli Weighing System | 7310 | Safescan | 96.65 | **96.65** | 11605 |
| R&G | R & G IRONMONGERY | 2240 | Paint | 258.00 | **258.00** | 11606 |
| REPRO | REPRO HOUSE CO LTD | 2620 | Rubber Stamps | 21.53 | **21.53** | 11607 |
| SAVIOUR | MR SAVIOUR MIFSUD | 3051 | Street sweeping Aug 08 | 2,725.58 | | |
| SAVIOUR | MR SAVIOUR MIFSUD | 3051 | Street Sweeping Zone B & F June 08 | 2,725.58 | | |
| SAVIOUR | MR SAVIOUR MIFSUD | 3051 | Street Sweeping Zone B & F July 08 | 2,725.58 | **8,176.74** | 11608 |

A

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| SIRAP | Sirap Ltd | 2330 | 128MB SD-RAM | 30.00 | **30.00** | 11609 |
| SMART | SMART SUPERMARKET | 3340 | Nescafe/handwash/toiletries/snacks | 102.99 | | |
| SMART | SMART SUPERMARKET | 3340 | Soft Drinks for 29 Aug | 155.44 | | |
| SMART | SMART SUPERMARKET | 3340 | Morning Coffee | 50.40 | **308.83** | 11610 |
| SPIRAL | Spiral Design | 2312 | Signs | 165.20 | | |
| SPIRAL | Spiral Design | 3350 | Supplied banners | 27.14 | **192.34** | 11611 |
| STRAND | Strand Electronics Ltd | 2620 | Toner FS1000/1010 | 198.24 | **198.24** | 11612 |
| TELEFONI | Telefonik | 2160 | Telephone service | 32.98 | **32.98** | 11613 |
| TRANSMEC | Transmec Services Ltd | 2370 | Maintenance of barriers | 47.20 | **47.20** | 11614 |
| VASCAS | VASCAS LIMITED | 3340 | Engraving/Religious image | 122.38 | **122.38** | 11615 |
| VERITAS | Veritas Press | 2960 | Printing of Brochurs Lejla Muziko Letterarja | 120.00 | | |
| VERITAS | Veritas Press | 2960 | Printing of Il-Kuntatt Feb 2008 | 2,200.80 | | |
| VERITAS | Veritas Press | 2960 | Printing of il-Kuntatt July 2008 | 1,186.24 | | |
| VERITAS | Veritas Press | 2961 | Printing of il-Kuntatt August 08 | 162.75 | | |
| VERITAS | Veritas Press | 2960 | Printing of il-kuntatt August 2008 | 694.62 | **4,364.41** | 11623 |
| VODAFONE | Vodafone | 2160 | Mobile Bill August 08 | 48.59 | **48.59** | 11616 |
| WASTESER | WasteServ Malta Ltd | 3044 | Hire of Bins - July 2008 | 296.59 | | |
| WASTESER | WasteServ Malta Ltd | 3044 | Hire of Bins May 2008 | 296.59 | | |
| WASTESER | WasteServ Malta Ltd | 3044 | Hire of Bins - June 2008 | 287.02 | **880.20** | 11617 |
| WEMBLEY | WEMBLEY MOTORS | 2720 | Taxi Service Judge Caruana Colombo | 28.00 | **28.00** | 11618 |
| YORKDA | YORKDALE STATIONERY | 2970 | News papers July 08 | 79.42 | | |
| YORKDA | YORKDALE STATIONERY | 2970 | Advert x 13 | 66.02 | | |
| YORKDA | YORKDALE STATIONERY | 2970 | Newspapers | 69.85 | | |
| YORKDA | YORKDALE STATIONERY | 2970 | Newspapers May (Euro 67.56-2.71) | 64.95 | | |
| YORKDA | YORKDALE STATIONERY | 2970 | Gold Pen | 1.96 | | |
| YORKDA | YORKDALE STATIONERY | | missing invoice (not posted) | 0.65 | **282.85** | 11630 |
| ZAHRA | ZAHRA ENTERPRISES LTD | 2370 | Hose pipe/valve/saddle/tee/elbow | 18.42 | | 11619 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Tonio Sant | | Refund Permit 413/08 | 116.47 | | 11633 |
| | David Galea | | Refund Permit 855/04 | 116.47 | | 11632 |
| | Sonia Camilleri | | Refund Permit 383/08 | 116.47 | | 11631 |
| | A. Galea | | Hadid | 112.00 | | 11629 |
| | V. Bonavia | | Bowser | 26.00 | | 11628 |

A